MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2007

Numru. 716/2005

PULIZIJA
SPETTUR ANZJAN ANTHONY CASSAR
SPETTUR ANTONOVICH MUSCAT
VS
ANTHONY MALLIA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Anthony Mallia, ta’ 52 sena, bin Carmelo u l-mejta Theresa nee’ Saliba, imwieled il-Belt fit-8 ta’ Novembru 1953 u residenti fl-indirizz Numru 150, Papanni House, St Eduard Street, Hal Qormi, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 809853(M), u akkuzat talli:
Fil-Ponta taz-Zonqor, Dawret il-Kunsill ta’ l-Ewropa, Marsaskala, nhar it-Tnejn 15 t’Awissu 2005, ghal habta ta’ xis-siegha u hames minuti ta’ wara nofsinhar, kif ukoll Tas-Sliema, fix-xahar ta’ Lulju 2005, f’xi hin tal-gurnata, b’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zmenijiet

differenti, li jkunu jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. b'eghmil zieni, ikkorrompa lil *omissis*, li ghandha *omissis* sena, liema delitt sar bi hsara ta' persuna li ghadha taht l-eta' ta' tmintax-il sena, kif ukoll lil *omissis*;

2. offenda l-pudur jew il-morali ta' l-imsemmija *omissis* u ta' *omissis*, b'eghmil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku;

3. sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu IX, tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, diversement preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat l-Artikoli 18, 203, 209, 49, 50, 28A u 28G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u Artikolu 7(5)(c) tal-Kap 446, tikkundannah ghal sena prigunerija sospiza ghal tlett snin.

In oltre, tqieghdu taht 'supervision suspended order', taht id-direzzjoni tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat, ghal perjodu ta' tlett snin. Di piu', tqieghed lill-imputat taht 'treatment order', bhala 'non-resident patient' mal-Isptar Monte

Carmeli, taht is-sorveljanza ta’ Dr Vella Baldacchino, ghall-istess perjodu ta’ tlett snin, sabiex jircievi kull kura li l-istess Dr Vella Baldacchino jidhirlu xieraq f’dan il-kaz.

Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni t-‘treatment’ illi l-imputat ircieva fil-mori tal-kawza, taht l-istess direzzjoni ta’ Dr Vella Baldacchino; il-fatti speci tal-kaz li jindikaw li l-imgieba llecita’ tal-imputat hija ristretta ghal kxif tal-partijiet genitali fil-pubbliku, u fil-prezenza ta’ minuri.

Il-Qorti in oltre, tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services u lil Dr Vella Baldacchino l-Isptar Monte Carmeli.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------